MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 79/2013

Il-Pulizija

vs

**Mario Camilleri**

iben Joseph, imwieled B'Bugia, fil-15 ta' Jannar, 1951, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 1056251(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-30 ta' Jannar 2007 u fix-xhur ta' qabel bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi obligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew hatt bini jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih jew b'xi mod jew iehor kontral-ligi indahal fil-hwejjeg haddiehor, meta ppussessa ghalqa jew parti minnha li tinsab fi Triq il-Gebel fil-kontrada ta' Salvun l/t B'Bugia a skapitu ta' Catherine Vella u David Vella rispettivament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta’ Frar, 2013 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ikkundannatu taht dak li jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Mario Camilleri tal-15 ta’ Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per il-Magistrat Carol Peralta LL.D., nhar is-7 ta' Frar 2013 fil-konfront tieghu, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti prodotti.

Illi ghandu jinghad li l-akkuza dedotta kontra l-imsemmi Mario Camilleri tirrigwarda xoghol li allegatament sar minnu.

Illi madanakollu jidher li ma ngieghbet l-ebda ombra ta' prova li l-istess xoghol li permezz tieghu nghalaq l-access ghall-ghalqa tal-kwerelanti kien in effetti sar mill-imputat Mario Camilleri.

Illi f'dan ir-rigward l-esponent jaghmel ampja referenza ghal-verbal tal-Ewwel Qorti datat nhar it-3 ta' Novembru 2011.

Illi f'din l-istess seduta kien xiehed Carmelo Camilleri, hu l-imputat Mario Camilleri fejn qal is-segwenti;

*"Nghid li l-isqaq irrangajtu jien. Mistoqsi jekk ghamilniehx jien u hija nghid li jien ghamiltu. Mill-isqaq sat-triq jien u hija rrangajnieh. Nghid li jien irdamt bicca mill-ghalqa u wessajt l-isqaq".*

Illi ghalhekk jidher li l-Ewwel Qorti skartat din ix-xhieda ta' xhud principali f'din il-kawza, liema xhieda tezonera lill-imputat minn kull htija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dan il-kaz idur mal-fatt li l-appellant qed jikkontendi li ma kienx hu li spussess lill-parte civile minn parti ta' ghalqa u rrenda l-access ghal din il-ghalqa ferm difficili jekk mhux impossibbli. Illi mill-provi prodotti u specifikament mix-xhieda ta' Carmelo Camilleri jirrizulta minghajr ebda dubju li kien Carmelo Camilleri li radam rampa ta' access ghall-ghalqa tal-parte civile, kif ukoll li bena l-hajt li rrenda l-access difficili.
Illi min-naha l-ohra jirrizulta mill-provi prodotti li l-appellant kien jaf dak li kien ser jaghmel huh Carmelo Camilleri, mhux talli hekk izda l-ahwa ftehmu kif kellu jsir ix-xoghol. L-appellant xehed li kien hu li tella' l-hajt bejn bejn l-isqaq u l-ghalqa. L-ispoll gie pruvat

ampjament kemm mill-provi quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll mir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Illi ma hemm ebda dubju li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-apprezzament tal-provi prodotti u setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Ghalhekk, l-aggravju tal-appellant ma jistx jigi milhuq.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Mario Camilleri u tikkonferma is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------